**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 300/2015**

**Leanne Busuttil (KI 539990M)**

**vs**

**Carmel Busuttil (KI 66266M)**

**Illum, 30 ta' Mejju 2018**

Il-Qorti;

Rat r-rikors tar-rikorrenti li talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas:

> s-somma ta' għaxar t'elef disa' mija u disgħin (€10,990) ewro jew somma verjuri, rapprezentanti sehem l-attriċi mill-introjtu tal-kera ta' zewġ fondi 161 u 163 Triq il-Kulleġġ Rabat, propjetajiet indivizi appartenti lill-kontendenti kif ser jirrizulta.
>
> Bl-ispejjez u bl-imghax sal-ħlas effettiv u b'hekk il-konvenut jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

> Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjez stante li xejn ma hu dovut peress illi l-introjtu mill-kirjiet wara li tħallas is-self dovut lill-banek kummercjali dejjem inqasam ugwalment bejn il-kontendenti kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti.

Semghet il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti qeghda titlob il-hlas ta' ghaxart'elef Ewro u disa' mija u disghin Ewro rapprezentanti sehmha mill-kera ta' zewg fondi numru 161 u 163, Triq il-Kullegg, Rabat, liema proprjetà hija proprjetà komuni mal-intimat.

L-intimat jeccepixxi illi huwa ma kienx qed jghaddi lir-rikorrenti sehmha mill-kirja minhabba li kien qed ihallas self illi l-partijiet ghandhom in komun u li l-bank kien gibidlu l-attenzjoni li mhux qed isiru bizzejjed pagamenti fih.

Illi ghalhekk l-intimat mhux qed jikkontesta l-fatt illi huwa ma hallasx lir-rikorrenti sehmha mill-imsemmija kera.

Mhux kontestat lanqas bejn il-partijiet illi r-relazzjoni taghhom hija regolata bil-kuntratt ta' separazzjoni esebit in atti a folio 14 tal-process, Dokument LB1.

Dan il-kuntratt ma jaghti l-ebda jedd lill-intimat illi jiddeciedi wahdu x'jaghmel b'sehem martu mill-imsemmija kirjiet anzi ghall-kuntrarju jobbliga lill-intimat illi jaghti nofs il-kera lir-rikorrenti. Ghalhekk l-intimat ma setax unilateralment u minghajr ma jikkonsulta ma' martu, jiddepozita sehmha bhala parti mill-hlas tas-self u lilha ma jghaddilha xejn, aktar u aktar meta l-istess kuntratt jpoggi fuq ir-rikorrenti l-obbligu li thallas sehmha mis-self izda dan fid-dritt taghha u mhux tramite zewgha li minnu kienet qed tissepara.

Illi jekk ir-rikorrenti ma kinitx qed thallas sehmha mill-imsemmi self, l-intimat kellu mezzi ohra biex jobbligaha thallas sehmha izda ma ghandux dritt li jirregola din il-posizzjoni wahdu billi ma jghaddilhiex sehmha mill-kirja.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' ghaxart elef Ewro u disa' mija u disghin Ewro bl-imghax dekorribbli mil-lum sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur